MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2006

Numru 667/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO**

**VS**

**JOSEPH QUATTROMANI**
**MOKHTAR BOUKADI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Quattromani, ta’ 50 sena, bin John u Josephine nee’ Chetcuti, imwieled San Pawl il-Bahar, nhar it-8 ta’ Ottubru, 1955, residenti gewwa Farmhouse, Ghajn Tuffieha Road, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita’ 711155 (M);
U Mokhtar Boukadi, ta’ 48 sena, bin Ali u Fatima nee’ Giblawi, imwieled Tunis, it-Tunezija nhar is-6 ta’ Lulju, 1958, residenti gewwa l-fond Block C, Bellizzi Estate, Flat

2, Triq San Aristarku, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 102706L;

Akkuzati talli nhar id-9 ta' Lulju, 2006 u matul is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differneti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, u cioe talli:

1. F'San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta' kwantita' ta' hut mill-mahzen ta' Azzopardi Fisheries, sitwat f'numru 27, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-persuna, u li sar ghad-detriment tad-diretturi ta' Azzopardi Fisheries u/jew nies ohra;

2. U kif ukoll talli f'Bulebel, limiti ta' taz-Zejtun, ikkommettew serq ta' kwantita' ta' hut mill-mahzen ta' Azzopardi Fisheries, sitwat f'factory B9, Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Azzopardi Fisheries, u/jew nies ohra.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta;
Wara li rat l-ammmissjoni tal-imputati fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom;
Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputati;
Wara li rat il-verbal tal-lum.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputati Joseph Quattromani, u Mokhtar Boukadi hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom, u ghaldaqstant tikkundannahom ghal sentejn (2) prigunerija, sospizi ghal erba' (4) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------